

Brussell, 8 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

12513/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0158 (NLE)**

---

**AGRI 393**  
**FORETS 37**  
**DEVGEN 153**  
**ENV 677**  
**RELEX 842**  
**JUR 498**  
**PROBA 37**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/....**

**ta' ...**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,  
tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja  
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras  
dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali  
u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Mejju tal-2003 il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titlu "Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT): Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE". Il-Pjan ta' Azzjoni stabbilit f'dik il-komunikazzjoni ("il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT") talab li jkun hemm miżuri biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam billi jiġu żviluppati ftehimiet ta' sħubija volontarji ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dak il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT ġew adottati f'Ottubru tal-2003 u ġiet adotta reżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-suġġett fil-11 ta' Lulju 2005.
- (2) Fil-5 ta' Diċembru 2005 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam dwar ftehimiet ta' sħubija biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT.
- (3) Fl-20 ta' Diċembru 2005 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2173/2005<sup>1</sup>, li stabbilixxa skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fl-Unjoni minn pajjiżi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet ta' sħubija volontarja.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).

- (4) In-negozjati mar-Repubblika tal-Honduras għal Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerç ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim") intemmu b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fl-14 ta' Ġunju 2018.
- (5) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerç ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu<sup>1+</sup>.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li ser ikollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

<sup>+</sup> Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 10365/20.